# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 111/2014

## tal-4 ta' Frar 2014

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [2]. Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Apparat li jikkombina moniter tal-kulur tat-tip bid-display tal-kristall likwidu (LCD) u b'superfiċe touch-sensitive (hekk imsejjaħ "moniter b'touch skrijn") b'kejl diagonali tal-iskrijn ta' madwar 38 cm (15-il pulzier) bi:<br>— riżoluzzjoni normali ta' 1 024 × 768 pixels,<br>— riżoluzzjonijiet sostnuti ta' 640 × 350, 720 × 400, 640 × 480, 800 × 600 u 1 024 × 768 pixels,<br>— proporzjon tal-aspett ta' 4:3,<br>— pixel pitch ta' 0,297 mm,<br>— luminożità ta' 250 cd/$m^2$,<br>— angolu ta' viżjoni orizzjontali ta' 120° u angolu ta' viżjoni vertikali ta' 100°,<br>— ħin ta' reazzjoni ta' 17 ms,<br>— proporzjon ta' kuntrast ta' 400:1,<br>— buttuni tal-enerġija u buttuni tal-kontroll.<br>Huwa mgħammar bl-interfaċċi li ġejjin:<br>— D-sub,<br>— USB u RS-232 għall-konnessjoni tas-superfiċe tiegħu touch-sensitive ma' magna awtomatika tal-ipproċessar tad-dejta (ADP).<br>Għandu stand b'mekkaniżmu li jdur u jitmejjel u superfiċe antiriflessi.<br>Il-moniter huwa ppreżentat għall-użu, pereżempju, fit-terminals fil-punt ta' bejgħ/terminali ta' informazzjoni għall-klijenti. Is-superfiċe tiegħu touch-sensitive jippermetti lill-utenti li jdaħħlu d-dejta f'dawn it-terminals. Il-monitor jista' juri sinjali minn magni ADP. | 8528 51 00 | Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, bin-Nota 3 taq-Taqsima XVI u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8528 u 8528 51 00.<br>L-apparat huwa magna komposta li twettaq il-funzjoni ta' mezz li jdaħħal il-koordinati X-Y tal-intestatura 8471 u ta' moniter tal-intestatura 8528. Barra li juri l-informazzjoni, l-apparat jagħti lill-utenti l-faċilità li jdaħħlu d-dejta. Fid-dawl tad-diżinn, il-kunċett u l-karatteristiki oġġettivi tal-apparat, jiġifieri l-kapaċità tal-moniters li jwettqu l-funzjoni tagħhom b'mod indipendenti mill-mezz ta' input, il-funzjoni ta' display tikkostitwixxi l-funzjoni prinċipali tal-apparat fit-tifsira tan-nota 3 għat-Taqsima XVI. Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, bħall-proporzjon tal-aspett, il-pixel pitch adattat biex wieħed iħares lejh mill-qrib u fit-tul, il-luminożità, l-interfaċċi użati b'mod komuni fis-sistemi ADP, il-mekkaniżmi li bihom idur u jitmejjel u s-superfiċe antiriflessi tiegħu, il-moniter jitqies bħala t-tip għall-użu unikament jew prinċipalment f'sistema ADP tal-intestatura 8471.<br>Għalhekk l-apparat irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8528 51 00 bħala moniter ieħor tat-tip li hu unikament jew prinċipalment għall-użu f'sistema tal-ipproċessar tad-dejta awtomatika tal-intestatura 8471. |